MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Numru 507/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**JONATHAN SGHENDO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jonathan Sghendo, ta' 19-il sena, bin Paul u Grace nee' Abela, imwieled tal-Pieta' nhar is-27 ta' Settembru, 1986, residenti gewwa l-fond Block 1, Flat 5, Pjazza San Gwann, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0454986 (M);

1. Akkuzat talli nhar it-22 u t-23 ta' Mejju, 2005, gewwa Haz-Zebbug, u gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti

maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

2. Fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Mejju, 2006 u t-23 ta' Mejju, 2006 seraq diesel minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAF 148 ghad-dannu ta' Carmel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 619759 (M), u minn gewwa l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 502, ghad-dannu ta' John Agius, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 271478 (M) minn gewwa Triq Mikiel Ang Sapiano, Haz-Zebbug, liema serq huwa aggravat bl-ammont bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fit-23 ta' Mejju, 2006 u fil-granet ta' qabel xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira maltin, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Mejju, 2006 u t-23 ta' Mejju, 2006 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni EAF 148, ghad-dannu ta' Carmel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 619759 M, liema hsara hija ta' aktar minn Lm10.00 (ghaxar liri maltin), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U fl-ahharnett talli nhar it-22 ta' Mejju, u t-23 ta' Mejju, 2006, b'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura u cioe' *Volkswagen Jetta*, meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1), it-tieni (2), u r-raba' (4) akkuza migjuba kontrieh, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjon tieghu;

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsdirat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9t al-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat t-tielet (3), akkuza inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-akkuza;

Wara li rat id-dokumenti esebiti mid-Difiza *animo ritirandi* li juri li l-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni, u ghalhekk il-hames (5) akkuza ma tirrizultax.
Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jonathan Sghendo hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u r-raba' (4) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1) snin sospizi ghal tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Arikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) akkuza;
U tilliberah mill-hames (5) akkuza migjuba kontrieh.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------